# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 23 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Christian Saliba**

**Kumpilazzjoni Nru: 1061/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christian Saliba detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 330184(M).

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, bejn il-perjodu ta' Dicembru 2012 u Novembru 2013, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Jason Spiteri minn San Gwann, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

U aktar talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
c) 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' April 2016 permezz ta' liema l-kawza giet differieta ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b'appropjazzjoni indebieta a dannu ta' certu Jason Spiteri; qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Illi Jason Spiteri jirrakkonta fid-depozizzjoni tieghu mghotija quddiem din il-Qorti li f' Dicembru 2012 huwa thajjar jixtri vettura tal-marka BMW. Spiteri kien jaf lill-imputat peress li fil-passat kien inkarigah biex igieblu xi vetturi mill-Ingilterra, ghalhekk rega' kellmu. Spiteri jghid li l-imputat infurmah li hu ma kienx ghadu jgieb vetturi minn barra pero kien sejjer igib vettura ghalih innifsu u ssuggerixxa lil Spiteri biex jitla' l-Ingilterra mieghu u kull wiehed minnhom inizzel vettura minn hemm; Spiteri accetta dan is-

suggeriment. Ftit wara Spiteri ircieva, minghand l-imputat, ritratt ta' vettura li kien qed jissuggerielu biex jixtri; lil Spiteri ghogbitu din il-vettura u, kif mitlub minnu, hallas lill-imputat is-somma ta' elfejn u hames mitt Euro bhala deposit ghal din il-vettura. Ftit ta' zmien wara l-imputat informa lil Spiteri li l-vettura kien iccekkja sew (ghax l-imputat suppost kien qieghed l-Ingilterra) u induna li kellha xi daqqiet u ma kenitx f'kundizzjoni tajba; qallu ukoll li ghalhekk kien ser isieblu vettura ohra. L-imputat rega' ikkomunika ma' Spiteri, apparentment mill-Ingilterra, u qallu li kien sab vettura ohra, ahjar minn ta' qabel, pero ghal din kellhom ihallsu minn quddiem; il-prezz kien sbatax il-elf sebgha mija u hamsin Euro. Fuq struzzjonijiet ta'l-imputat Spiteri baghat il-flus fil-kont ta' omm l-imputat. Sadattant Spiteri kien qed jistenna minghand l-imputat dwar meta kellu jmur l-Ingilterra biex inizzel il-vettura, pero l-imputat beda jgieblu hafna skuzi u johloq hafna stejjer biex jiggustifika ghalfejn Spiteri ma setghax imur jiehu pussess tal-vettura li (minghalih) kien hallas ghaliha. Din il-vettura baqghet qatt ma waslet ghand Spiteri. L-imputat mbaghad offra li jgib vettura ohra ezatt bhal ta' qabel, pero anke din, fost hafna skuzi u stejjer, baqghet qatt ma waslet. Eventwalment Spiteri sab fejn joqghod l-imputat[1], mar hemm u incidentalment iltaqa' ma' l-imputat, dan f'perjodu meta l-imputat suppost kien qieghed Sqallija bil-karrozza ta' Spiteri jistenna biex jgiebha Malta. F'dik l-okkazzjoni (cioe meta iltaqghu) l-imputat baqa' jwieghed li l-karrozza kienet gejja minn Sqallija. F'dan l-istadju Spiteri talab lill-imputat biex jiffirmalu karta fis-sens li huwa kellu jgib vettura ghal Spiteri altrimenti jirrifondi l-flus imhallas; din l-iskrittura giet iffirmata fis-17 ta' Lulju 2013. Il-vettura baqghat ma gietx u l-imputat offra li jirrifondi l-ammont li kien hallas Spiteri f'pagamenti ta' mitejn u hamsin Euro fix-xahar. Spiteri insista li l-imputat kellu jhallsu l-ammont kollu dovut f'daqqa pero l-imputat baqa' qatt ma hallas xejn. Eventwalment Spiteri ghamel rapport lill-pulizija.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-kredibilita ta' Spiteri, fil-fatt il-verzjoni tieghu hija korroborata mill-emails u l-bank statements esebieti in atti.

Illi aktar minn hekk l-imputat innifsu, f'l-istqarrija li rriliaxxja, jammetti li huwa uza almenu erbatax il-elf Euro mill-flus li kien tah Spiteri ghal spejjez li ma kellhomx x'jaqsmu mal-vettura li suppost kien ser jixtri ghal Spiteri. Huwa jghid li ghall-vettura li kien ser jixtri ghal Spiteri huwa hallas biss ghoxrin fil-mija tal-prezz; huwa kien ghamel depozitu fuq il-vettura li kien

[1] Tul iz-zmien huma kienu dejjem ikkomunikaw bit-telephone jew b'l-email.

ser jixtri ghal Spiteri u numru ta' vetturi ohrajn. Peress li ma kellux flus biex ihallas il-bilanc tal-prezz (minkejja li Spiteri kien tah il-flus kollha ghall-vettura tieghu) il-bejgh ma sarx u (dejjem skond l-imputat) l-agent Ingliz ma ridx jirrifondih id-depozitu mhallas.

Ikkunsidrat

Illi l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat in ezami, appropjazzjoni indebieta, huma ben stabbiliti; irid jigi pruvat li l-imputat:

1. irceva flus jew xi haga minghand xi haddiehor;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik il-haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;
3. u minflok ma jaghmel hekk, dawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' l-misappropjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Din il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor.

Illi skond l-Antolisei:

> *La vera essenza del reato consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*[2].

Illi biex jigi pruvat ir-reat huwa necessarju ukoll li jissussisti d-dolo, cioe l-konsapevolezza li qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-propjetarju ta'l-oggett jew tal-flus in kwistjoni.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li gew pruvati l-elementi kollha rikjesti biex jissussisti r-reat ta' appropjazzjoni indebeita fir-rigward ta'l-imputat. Jirrizulta li Spiteri ta lill-imputat (f'zewg pagamenti) s-somma ta' sbatax il-elf sebgha mija u hamsin Euro; jirrizulta ukoll minghajr

---

[2] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)7

ebda dubbju li Spiteri ta dawn il-flus lill-imputat b'ghan specifiku cioe dak li l-imputat juzahom biex jixtri vettura ghal Spiteri innifsu. Mill-istqarrija ta'l-imputat huwa ammess li almenu erbatax il-elf Euro minn dawk il-flus li irceva minghand Spiteri, juzahom biex ihallas spejjez tieghu li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma'l-akkwist ta' vettura f'isem Spiteri. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li l-imputat kien qed jagixxi fil-konsapevolezza li dak li kien qed jaghmel kien imur kontra r-rieda ta' Spiteri ghaliex kieku ma kienx ikollu ghalfejn johloq dawk l-istejjer kollha u jigdiblu kontinwament.

Illi tenut kont ta' dan l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat qed jigi addebieta ukoll bir-recidiva ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[3].

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu l-prosekuzzjoni prezentat sentenza datata 13 ta' Marzu 2013[4] peremzz ta' liema l-imputat wara li gie misjub hati tar-reati hemm indikati gie ikkundannat sena prigunerija sospieza ghal sena.

Illi skond ic-citazzjoni r-reat odjerni sehhew bejn Dicembru 2012 u Novembru 2013 ghaliex l-prosekuzzjoni indikat il-perjodu minn meta sar l-ewwel kuntatta bejn Spiteri u l-imputat sameta Spiteri ghamel ir-rapport. Mill-provi jirrizulta li il-pagament ta' hmistax il-elf mitejn u hamsin Euro (€15,250)[5] sar fil-25 ta' Marzu 2013 ghalhekk wara s-sentenza imsemmija. Konsegwentement l-imputat zgur ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49. L-istess ma japplikax ghall-artikolu 50 ghaliex il-fatt li fuqhom huma bazati dawn il-proceduri sehhew fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza li ghalhekk kien ghadu ma skadiex meta twettqu r-reati odjerni. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jitqies recidiv fit-termini ta'l-artikolu 50.

Ikkunsidrat

[3] Fic-citazzjoni saret referenza ukoll ghall-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 pero dan ma giex elenkat fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali.
[4] Ref Dok YF6 a fol 70 tal-process.
[5] It-tieni pagament li hallas Spiteri meta kien minghalih li qed ihallas il-prezz f'l-intier tieghu tat-tieni vettura lilu promessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-interess primarju tal-parte leza huwa li jithallas l-ammont misappropjat; dan ma jkunx jista jsehh jekk l-imputat jinghata sentenza karcerarja effettiva. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-imputat ilu jwieghed li jhallas lil Spiteri pero qatt ma ghamel dak li wieghed. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi sentenza ta'prigunerija sospieza b'terminu qasir li fih l-imputat ikun obbligat ihallas lill-parte leza, b'hekk jekk l-imputat ma jhallasx dak dovut fi zmien qasir tidhol fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a)[6] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, b'dan li mhux qed jigi kunisdrat recidiv fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien xahar ihallas lill-parte leza is-somma ta' sbatax il-elf sebgha mija u hamsin Euro (€17,750).

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reati iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[6] U dak li kienet tipprovdi din id-dispozizzjoni qabel l-emenda implimentata permezz ta'l-att XXIV.tas-sena 2014.